# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

## Minuti

## L-Għaxar Leġislatura

## Laqgħa numru 26

**17:00 pm 10 ta' Novembru 2025**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |

**Assenti**

Ħadt

**Uffiċċjal Preżenti**

Roderick Ebejer - Segretarju Eżekkuttiv

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekkuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa ta' filgħaxija (17:00pm).**

**26.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

Is-Sindku, Sur Luke Farrugia, informa lill-Kunsill li rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier, Sur Joseph Scerri.

**26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat il-minuti tas-seduta numru 24 u 25 għal-għaxar' leġislatura permezz ta' email lis-Sindku, Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha. Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Il-Kunsillier is-sur Dominic Spencer gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li il-ħin ta' tmiem il-Laqgħa 25 ma kienx korret, ghaldaqsdtant talab sabiex issir emenda fuq il-Minuti sabiex jiġi mis-6pm għall- 5:45pm.

26.2.1 **Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mill-Kunsillier Gloria Aquilina u il-kunsillier Sur Joseph Cachia, il-membri tal- Kunsill approvaw b'mod unanimu l-minuti msemmija.**

**26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

26.3.1 Sindku Luke Farruġia għamel referenza li is-Segretarju Parlamentari għaż-Żagħzagħ, Riċerka u Innovazzjoni qed jitlob il-Kunsill permess sabiex issir l- attivita Milied maż-Żagħżagħ nhar is-Sibt 6 ta' Diċembru 2025 bejn l-erbgħa ta' wara Nofsinhar (16:00) u nofs il-lejl (24:00) f'Misraħ G.F Abela, Marsa, għaldaqstant talbu il-Kunsill għal-għajnuna ta' permessi li hemm bżonn biex tingħalaq l-*area* fejn ser ikun hemm *open areas* għat-tfal, *stalls* u area għar-ritratt ma' Santa Claus u daqq tal-Milied fil-*background*. Bħala Puluzija u *Clearenace* ta' l-*area* jieħu ħsieba il-Kunsill, u jintalab rimbors lis-Segretarjat Parlamenatri għaz-Zagħzagħ, Riżerka u Inovazzjoni għal-ispejjeż relatati mal-Puluzija u *clearance.* Bħala spejjeż li irrid joħroġ il-Kunsill huma relatati ma reklamar ta' l-attivita permezz ta' flyer fid-djar tal-Marsa.

**Wara lis-Sindku Luke Farruġia propona din it-talba ta' L-Attivita Milied maż-Żagħżagħ ġewwa il-Marsa organiżżata mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żagħżagħ, Riċerka u Innovazzjoni b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Marsa, u ġiet issekondata mill-kunsilliera Sinjura Gloria Aquilina u is-Sur Joseph Cachia il-kunsill qabel unanimament.**

26.3.2 Is-Sindku Luke Farruġia spjega li kien sar meeting fejn kien hemm preżenti ukoll is-Segretarju Eżekkuttiv ma' Project Green fejn l-agenzija qed tikunsidra li jsir rinovazzjoni ta' Ġnien Belvedere minħabba li qed ikun hemm problemi ta' ġrieden, abbużż ta' drogi u kif ukoll persuni li jorqdu barra. Is-Sindku informa il-Kunsill li data ta' meta ser ikun qed jibda ix-xogħol ta' rinovazzjoni ma hemmx pero hemm ħjiel li jibda mis-sena 2026.

26.3.3 Is-Sindku Luke Farruġia spjega li irċieva ittra mingħand il-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina għal-talba ta' reklamar fuq il-Kalendarju li ser ikunu qed jippublikaw li jinkludu tnax ir-ritratt relata mal-Marsa għas-sena 2026, u jekk il-kunsill għandux interess li jiriklama bi prezz ta' €300 ewro Fil-kalendarju 2026. Koppji ta' dan il-Kalendarju jiġu provduti ukoll il-Kunsill sabiex jinġabru mir-residenti u Għaqdiet.

**Wara lis-Sindku Luke Farruġia propona din it-talba ta' Reklamar li ser ikun ippublikat mill-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina għas-sena 2026 u ssekondat mill-Kunsillier is-sinjura Gloria Aquilina, il-Kunsill qabel unanimament.**

26.3.4 Is-Sindku Luke Farruġia spjega li Transport Malta approvat it-talba tal-Kunsill Lokali sabiex is-Service Road ta' Aldo Moro issir one-way skond ir-regoli u it-templates li ġew provduti minn Transport Malta għal implimentazzjoni.

**Wara lis-Sindku Luke Farruġia propona din it-talba ta' one-way system ġewwa service road ta' Aldo Moro u kien hemm approvazzjoni ta' Transport Malta, ġiet ssekondata mill-Kunsillier is-sur Joseph Cachia, il- Kunsill qabel unanimament.**

26.3.5 Is-Sindku Luke Farruġia spjega li irċieva ittra mingħand l-Għaqda Festi Esterni Trinita' Qaddisa fejn saqsew il-Kunsill jekk ghandhomx interess li jagħmlu riklam fuq il-Kalendarju 2026 għall-prezz ta' €300, u jekk il-Kunsill għandux l-interess li jerġa issir it-tiżjin fit-toroq bħas-snin preċedenti li jinkludu Triq Balbi €1,400, Pont Sant Tumas €600, Pjazza quddiem il-Knisja Trinita' €800 u Siġra tal-Milied fuq il-pont €500, b'total globali ta' € 1,300.

**Wara lis-Sindku Luke Farruġia propona din it-talba tal-Għaqda Festi Esterni Trinita' Qaddisa ta' Riklamar u tiżjin ta' Toroq fil-Marsa, ġiet ssekondata mill-Kunsillier Anthony Meilaq, il-kunsill qabel unanimament.**

26.3.6 Is-Sindku Luke Farruġia spjega li il- *Cancer Research and Innovation Hub Malta* fi ħdan is-Segretarjat għaż-Żagħzagħ, Riċerka u Innovazzjoni, qed toffri servizz ta' Mobile unit biex iżur il-lokalitajiet f'Malta u Ghawdex fejn qed issru *Health Checks* lir-residenti b'xejn. Għaldaqstant tablet il-Kunsill Lokali tal-Marsa jekk għandux interess li il-mobile unit iżżur il-Lokal tal-Marsa biex jagġti dan is-servizz b'xejn lir-residenti Marsin.

**Wara lis-Sindku Luke Farruġia propona din it-talba mingħand il- *Cancer Research and Innovation Hub Malta* sabiex issir fuq darbtejn fejn il-Mobile unit jitpoġġa fejn il-Knisja ta' Trinita Qaddisa u fejn il-Knisja Marija Reġina. It-talba Ġiet ssekondata mis-sinjura Gloria Aquilina, il-kunsill qabel unanimament.**

26.3.7 Is-sindku Luke Farruġia spjega li il-Kunsill kien irċieva emajl mis-sinjura Analise Duca rigward il-kontinwazzjoni tas-sistema tal-permessi li dan l-aħħar kienet qed tkun iffinanzjata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u issa ser tkun qed tagħddi fir-responsabilta tal-Kunsilli Lokali. Il-ħlas ta' din is-sistema ser ikun qed jiġi ikkalkulat skond l-ammont ta'permessi li il-kunsill joħroġ f'sena. Jekk il-Kunsill fuq statistika ta' snin preċedenti kellu aktar min elf żieda u anqas minn tlett elef permess f'sena kalendarja ser ikun qed iħallas l-ammont ta' €2,500 u għalhekk il-Kunsill Lokali tal- Marsa jaqa taħt din il-*bracket* fuq statistika ta' snin precedenti.

26.3.8 Is-Sindku Luke Farruġia spjega li fuq mistoqsija li kienet qamet rigward it-Tender tal-Contracts Manager fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, l-Avukat tal-Kunsill bagħt kjariffika għall-mistoqsija imqajjma fejn spjega li il-bidder ma ikunx jista jigustifika it-tender meta ikun rebħu u iffirma il-kuntratt għax l-ammont tat-Tender għas- servizz ikun ippublikat fit-tender qabel ma jitfa l-offerta. Jekk il-bidder iħoss li għall xi raġuni jew oħra għandu jitlob żieda addizzjonali biex ikompli bis-servizz, il- Kunsill għandu dritt jirrifjuta it-talba għaż-żieda mitluba.

26.3.9 Is-Sindku Luke Farruġia spjega li hemm problema ta' Ħamiem bhalissa ġewwa il-Lokal u wara li kien għamel riċerka u tkellem ma Kunsilli oħra fejn sab li hemm *sterile feed* għal din il-problema, għalhekk l-uffiċju amministarttiv ġabar stima ta' dan l-ikel għall-prezz ta' €324.50 borża ta' 15 il-kilo, li jinagħta lil ħamiem biex titnaqaas din il-problema fil-lokal u li anke kunsilli oħra qed jagħmlu dan it-tip ta' eżerċizzju fil-Lokal tagħhom.

**Wara li Sindku Luke Farruġia propona ix-xiri ta' *Sterile Feed* għall-ħamiem sabiex titnaqqas il-problema tal-ħamiem ġewwa il-Marsa. Ġiet ssekondata mill-Kunsillier Sinjura Gloria Aquilina, filwaqt li il-Viċi Sindku Josef Azzopardi u il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer astjenew, il-kumplament tal-Kunsill qabel unanimament. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi astjena għas-sempliċi raġuni li f'lokalitajiet oħra din is-sistema ma ħadmitx.**

26.3.10 Is-Sindku Luke Farruġia propona li il-*Recycling Blue Clothing bins* sabiex jitneħew mill-post li qedghin bħalissa u jiġu relokati fil-post fejn kien issuġerit li jitpoġġew il-magni tal-BCRS.

**Wara li Sindku Luke Farruġia propona ir-relokazzjini tal-Recycling Blue Clothing bins sabiex jitpoġew fej il-magni tal-BCRS fil-post li kien issuġerixxa il-Kunsill f'laqgħat preċedenti, ssekonda il-Viċi Sindku Sur Josef Azzopardi, il-Kunsill qabel unanimament.**

26.3.11 Is-sindku informa lil Kunsill li l-uffiċju kien irċieva stima mingħand il-kumpanija JF Mallia, dwar il-manutenzzjoni meħtieġa għat-tiswija tad-dawl tal-funtana li tinsab ġewwa Triq Qormi, għall prezz ta' €1,900.00 ewro.

**Is-sindku Luke Farruġia informa il-Kunsill li ser ikun qed jiċċekja jekk hemmx *Tender* fis-seħħ fi rigward ta' Manutenzjoni tad-dawl tal-Funtana u ser ikun qed jinforma il-Membri tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill**.

26.3.12 Is-sindku Luke Farruġia informa il-membri tal-Kunsill li iż-żewġ ħaddiema manutenzzjoni tal-community tgħalbu sabiex transfer sabiex imorru jaħdmu f'Kunsill lokali ieħor is-Sur Frans Cremona u is-Sur Johnathan Hili. Is- sindku informa li bħalissa ħaddiem tal-manutenzzjoni il-kunsill għandu is-sur John Vassallo, u Sur Stephen li jieħu ħsieb il-sinjali tat-toroq tal-Lokal u jekk kienx hemm deċiżjoni tal-kunsill fuqha.

**26.4 Tweġibiet għall- mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

26.4.1 Il-Viċi Sindku Sur Josef Azzopardi saqsa lis-Sindku rigward jekk hemmx żviluppi fuq il-kamra li tinstab fi triq is-Salib u li kien hemm tagħlba sabiex tintuza bħala service room tad-dawl għall-proġett li qed jiġi magħmul mill-GHRC.

**Is-Sindku wieġeb li kien saqsa is-Sur Stanley fuqha u li kien bagħt email il-Perit u l-Avukat tal-Kunsill sabiex issiru riċerki jekk kienx hemm każijiet pendeti fuq il-Kamra li tinstab fi Triq is-Salib, Marsa, għaldaqstant is-Sindku informa il-Kunsill li għadu qed jaħdem fuqha.**

Il-Vici sindku kompli issaqsi lis-sindku jekk il-kunsill kienx ser jikkometti ruħu sabiex l-ispiża tad-dawl tat-triq wara li jitlesta il-progett ta' riginerazzjoni tal-Pjazza tal-Paroċċa Trinita' Qaddisa Marsa titħallas mill-Kunsill u saqsa ukoll min fejn il-Kunsill kien ser iħallas l-ispejjeż relatati mal-Konsum tad-dawl tal-Pjazza.

**Is-Sindku wieġeb li meta tkellem ma Sur Stanley informaħ li il-konsum tad-dawl mhux ser ikun għoli.**

Il-Vċi Sindku Sur Josef Azzopardi propna sabiex l-istess sistema tad- dawl tal-proġett tkun inkorporata mas-sistema tad-dawl ta' Triq is-Salib tal- Marsa taħt ir-responsabilta' tal-Kumpanija Enemalta.

26.4.2 Il-Kunsillier Is-Sur Dominic Spencer, tagħalab is-Sindku sabiex meta jibda il-laqgħa tal-Kunsill jinforma id-data u x'ħin tkun bdiet il-laqgħa u kif ukoll jinforma x'ħin tkun spiċċat il-laqgħa tal-Kunsill.

26.4.3 Il-Kunsillier Is-Sur Dominic Spencer saqsa ser ikun qed jiġri rigward il-preparamenti għall – Jum il-Marsa.

**Is-Sindku informa lill Kunsillier Dominic Spencer li ser ikun hemm item iddedikat fl-Aġenda tal-Laqgħa tal-kunsill li jmiss.**

26.4.4 Il-Kunsillier is-sur Dominic Spencer saqsa lis-Sindku rigward id-deċiżjoni tal-'*yellow stickers'* li qed jitwaħlu fuq il-karijiet u karozzi mitluqa bħala nota ta' zgombru u f'liema laqgħa tal-Kunsill kienet ittieħdet din id-deċiżjoni

**Is-Sindku wieġeb li din id-deċijoni ma kienitx ittieħdet f'din il-leġislatura tal-Kunsill, iżda kienet ittieħdet fl-leġiżlatura passati tal-Kunsill.**

**Is-sindlku informa il-kunsill ukoll li kien għamel ricerka u sab li kunsilli oħra qed jużaw din is-sistema ukoll, kien ħa din id-deċiżjoni u ser ikun qed jerfa responsabbilta' ta' deċiżjoni meħuda li jibdew jitwaħħli il-*yellow stickers* għall-interess tal-poplu Marsi u li hemm il-liġi li il-Kunsill jista iwaħħal l-istickers fuq vetturi jew karrijiet mitluqa fit-toroq.**

**Sindku informa il- Kunsill li din is-sistema se tkun qed titwaqqaf temporonjament sakemm jirċievi gwida minghand il-Ministru Hon Byron Camilleri.**

26.4.5 Il-Kunsillier is-sur Dominic Spencer saqsa lis-Sindku li fil-ġimgħat li għaddew tweħlet *Road Hump* fit-Triq il-Farfett u li issa kienet tneħħiet.

**Is-Sindku informa lil Kunsillier li f'dik it-triq kien hemm *road hump* eżistenti magħmula mit-tarmak u kien hemm bżonn li tinbidel b'approvazzjoni ta' Transport Malta, iżda kien daħal ilment mir-residenti li ir-*road hump* li saret tar-rubber kienet qed tkun ta inkonvinjent ghar-resedenti b'hekk tneħiet u ser terġa issir kif kienet qabel ma tneħiet ta' tarmak bi spejjeż għall -Kuntrattur. Għaldaqstant informa lil Kunsill li ser ikun qed jiċekja x'jista issir u jinforma il-Kunsill fil-laqgħa li jmiss għad-deċiżjoni u approvazzjoni tal-kunsill.**

26.4.6 Il-Kunsillier Dominic Spencer saqsa li saret attivita mill-Aġenzija FSWS ġewwa il-Bini tal-Kunsill u jekk kinitx attivita tas-Sindku jew tal-kunsill.

**Is-Sindku wieġeb li kien hemm approvazzjoni tal-Kunsill sabiex f'każ ta' Temp ħażin l-agenzija tista tuża il-Binja tal-Kunsill biex titella l-attivita.**

**Il-Kunsillier Dominic Spencer tagħlab lis-Sindku sabiex dawk it-tip ta' Attivitajiet għndom jitelaw ukoll fuq il-paġna tal-*Facebook* tal-kunsill.**

26.4.7 Il-Kunsillier Dominic Spencer saqsa li bejn tlieta u erbgħa laqgħat ilu tal-kunsill kien tagħlab sabiex issir *survey* mill-Perit tal – Kunsill rigward it-toroq il-ġodda li kienu saru bit-tarmak li jinkludu Triq San Franġisk u Triq San Mikiel u f'din il-laqgħa żied Triq Nerik Sacco minħabba it-tappiri u il-katusi ta l-ilma ta' residenti.

**Is-Sindku informa il-Kunsill li ser ikun qed jitlob sabiex issir *Survey* mill-perit tal-kunsill sabiex ikun iverifikat jekk ix-xogħol mill-kuntarttur responsabbli tax-xogħlijiet fi Toroq imsemmija sarx skond ir-regolamenti stipulati mill-Liġi.**

26.4.8 Il-Viċi Sindku Josef Azzopardi saqsa lis-Sindku fuq Ġnien Belveder dwar ser ikun qed issir, kemm ser tkun l-ispiża u x'tip ta' xogħol ser ikun qed issir.

**Is-Sindku informa lill-Vici Sindku li kienet saret laqgħa ma' l-Agenzija *Project Green*, sabiex jaraw ezatt x'hemm mixtieq mir-residenti li jsir ġewwa ġnien Belveder u li hemm il-ġibjun ta' l-istess ġnien li ghandi bżonn manutenzjoni.**

26.4.9 Il-Kunsillier Joseph Cachia saqsa lis-Sindku rigward it-tabelli ta' Triq ix-Xemxija ta' dizabilta' fejn hemm tliet postijiet ta' parkeġġ ta' dizabbilta' u li hemm waħda mill vetturi li qed tuża dan il-parkeġġ riservat b'mod abbużiv, għaldaqstant il-Kunsillier Joseph Cachia tagħlab lis-Sindku sabiex ineħħi tabella minhom.

**Is-Sindku informa lis-Segretarju Eżekkuttiv sabiex issir riċerka fuq dak li qed jipproponi il-Kunsillier Joseph Cachia dwar parkeġġ riservat bin-numru tal-permess.**

## 26.5 Rapporti

Rapport Finanzjarju Q3 2025 Is-Sindku ressaq ir -rapport tat-tielet kwart tas-sena. Hu talab lil accountant Sur Laurence Manicaro jagħti spjega tiegħu. Il-Kunsill preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju b'mod unanimu

## 26.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 11/25 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

26.6.1 **Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farruġia u sekondaw il- Viċi Sindku Sur Josef Azzopardi u il-Kunsillier Sa Gloria Aquilina, il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.**

## 26.7 Item: *Q3 Financial Report*

Is-Sindku informa il-kunsill li inaqgħad fil-laqgħa tal-kunsill l-*Accountant* tal-Kunsill sabiex jispjega ir-rendikont Finanzjarju tal-Kunsill Lokali li hu għall- perjodu 1 ta' Jannar 2025 sa 30 ta'Settembru 2025, fejn spjega fejn ġie irraportat surplus ta' €92,470 u li il-Kunsill qed jagħmel tajjeb għad-defiċit li kellu f'dawn l-aħħar sentejn.

26.7.1 **Wara li is-sindku Luke Farrugia resaq mozzjoni għall- approvazzjoni tar-rapport finanzjarju ghat-tielet kwart tas-sena 2025 u kien ssekondat mill-Kunsillier Sur Dominic Spencer, il-Kunsill approva ir-rapport Finanzjajru tat-tielet kwart tas-sena 2025 unanimament.**

**26.8 Item: Ħatra ta' Bord għall-Intervisti**

Is-Sindku spjega li sabiex ikun tista issir l-itervista għall-applikanta tal-post vakanti tal-Kunsill dik ta' Skrivan fi Skala 15, hemm bżonn jinħatar bord għall-intervisti li ser ikun magħmul mis-Sindku bħala Chairperson, Segretarju Ezekkuttiv u żewġ membri oħra li wieħed mill-membri ta' dan il bord ikun membru mill-kunsill u Segretarju Eżekkuttiv minn Lokal ieħor u Segretarja ta' dan il- bord tkun waħda mill-ħaddiema prezenti tal-kunsill.

26.8.1 **Għaldaqstant is-Sindku propona li bħala membru mill-Kunsill sabiex jinħatar fil-Bord ta' l-intervisti ikun il-Viċi Sindku is-Sur Josef Azzopardi, fejn il-viċi Sindku aċċetta din il-ħatra ta' membru fil-bord ta' l-intervisti.**

**26.9 Item: Ħatra ta' Bord għall- Finanzi tal-Kunsill**

Is-Sindku spjega lil membri tal- Kunsill li id-dipartiment tal-Gvern Lokali kien bagħt emajl u ċirkulari kif ukoll koppja tal-liġi lis-Segretarju Eżekkuttiv sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb biex jaħtar il- Bord għall-Finanzi tal- Kunsill peress li l-amont tal-FSI tal-Kunsill qiegħed inqas min dak stipulat li jkun mill-liġi kif indikat mid-dipartiment tal-Gvern Lokali. Liema bord għandu ikun magħmul mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekkuttiv u membru minn fost il- membri tal-Kunsill u jekk xi ħadd mill-membri ta' dan il-bord ma ikunx Accountant bil-warrant għandu ikun hemm l-accountant tal-Kunsill bħala wieħed mill-membri ta' dan il-bord.

26.9.1 **Għaldaqstant is-Sindku propona sabiex il-membru minn fost il-membri tal-Kunsill ikun il-Viċi Sindku Sur Josef Azzopardi. Il-Viċi Sindku is-Sur Josef Azzopardi informa lis-Sindku li mhux ser jaċċetta li jkun membru f'dan il-bord tal-Finanzi tal-Kunsill, dan għaliex ma jħossx li għandu jwaqqaf lill-Kunsill milli jagħmel xi attivitajiet jew ħlasijiet oħra.**

**Is-Sindku dahar fuq il-Kunsilliera is-sinjura Gloria Aquilina li kien hemm preżenti fil-laqgħa tal-kunsill nhar 10 ta' Novembru 2025, wara li is-Sur Joseph Scerri kien assenti b'apoloġija għall-laqgħa tal-Kunsill, fejn il-Kunsilliera is-sinjura Gloria Aquilina aċċetat in-nominazzjoni sabiex tkun membru fil-bord tal-Finanzi kif mitlub mid-dipartiment tal-Gvern Lokali.**

**Wara mozzjoni li resaq is-sindku is-Sur Luke Farruġia sabiex jinħatar il-Bord quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni tal-ħatra ta' Bord tal-finanzi u issekonda il-Kunsillier is-Sur Joseph Cachia.**

**Il-membri tal-Kunsill ivvutaw kif indikat. Il-Viċi Sindku is-Sur Josef Azzopardi – Favur; is-Sinjura Gloria Aquilina – Favur; is-Sur Anthony Meilaq – Favur; is-Sur Joseph Cachia – Favur; u is-Sur Dominic Spencer – Kontra.**

**Għaldaqstant il- Kunsill unanimanet approva il-ħatra tal-Kumitat tal-Finanzi li ser ikun magħmul mis-Sindku Luke Farruġia; is-Sinjura Gloria Aquilina; is-Segretarju Eżekkuttiv; u l-*Accounant* tal-Kunsill.**

**26.10 Item: Ftuħ u Għeluq ta' Ġnien Belveder – Stimi**

Is-Sindku informa il-membri tal-Kunsill li kienu inġabru l-istimi mill-uffiċju tal-Kunsill fuq is-servizz ta' Ftuħ u Għeluq ta' Ġnien Belveder, peress li il-bandli ta' Juan Mamo u Ġnien 6 ta' Awwissu ser ikunu magħluqa temporonjament minħabba saħħa u sigurta. Is-Sindku spjega li l-irħas stima kienet ta' €300 fix-xaghar eskluż il-VAT mill- kumpanija JX Lanscaping li hu l-istess kumpanija li qed tieħu ħsieb il- ftuħ u għeluq tal-ġonna u bandli tal-Lokal.

26.10.1 **Wara mozzjoni li resaq is-Sindku fuq l-istimi għas-servizz ta' Ftuh u Għeluq ta' Ġnien Belveder u kienet ssekondata mill- Viċi Sindku is-Sur Josef Azzopardi, il-Kunsill qabel unanumament.**

**26.11 Item: Laqgħa mal-Ministru Hon Bjron Camilleri fuq sitwazzjoni tas-Sigurta' fil-Marsa.**

Is-sindku spjega li hekk kif kien spjega ftit qabel waqt il-laqgħa tal-kunsill kien ser isejjah laqgħa mal-Minsitru għall- Intern, is-Sigurta' u x-Xogħol l-Hon Byron Camilleri fuq is-sitwazzjoni tas-sigurta' fil-Marsa kif ukoll fuq gwida dwar is-sistema ta' notifika ta' zgombru fuq karijiet u vetturi illegali fit-toroq tal-Marsa permezz ta' *Stcker* safra, fejn il-Membri tal-kunsill huma mistiedna għall din il-laqgħa mal-Ministru.

26.11.1 **Wara mozzjoni li resaq is-Sindku Luke Farruġia biex issir laqgħa mal-Ministru għall- Intern, is-Sigurta' u x-Xogħol l-Hon Byron Camilleri u ġiet ssekondata mill-viċi Sindku Sur Josef Azzopardi, il-Kunsill qabel unanimament.**

**26.12 Item: Magħqudin għall-Ġid tal-Lokalita'**

Il-Kunsilliera is-Sinjura Gloria Aquilina proponiet wara li tkellmet mas-Sindku Luke Farruġia li għanda titella attivita kull sena bejn l-Għaqdiet tal-Lokal flimkien mal-politikanti ta' żewġ naħat tal-kamra tad-distrett, ġimgħa qabel il-festa li tkun iċ-ċeleberata fil-lokal tal-Marsa, liema attivita tinagħaqd permezz ta' invit mill-Kunsill lill-Eċċellenza tagħha il- President ta' Malta is-Sinjura Myriam Spiteri Debono fejn tilqa donazzjonijiet mill-għaqdiet tal-Marsa għall-Community Chest Fund.

26.12.1 **Wara li is-sindku Luke Farrugia fuq proponiment tal-Kunsilliera Sinjura Gloria Aquilina, rresaq l-attivita "*Magħqudin għall-Gid tal-lokalita*" u kienet ssekondata mill-Kunsillier Dominic Spencer, il-Kunsill qabel unanimament.**

**26.13 Item: Attivita' tal-Milied għat-Tfal – Stimi**

Is-Sindku Luke Farrugia qed jiproponi sabiex titella attivita' għat-tfal tal-lokal għall-żmien il-Milied, nhar it-30 ta' Diċembru 2025, liema attivita' tkun miftuħa għall-familjari ukoll fejn kienu inġabru stimi għas-Cinema Day fejn spjega li fost l-istimi li inġabru l-istima ta' Embassy Cinema kienet l-orħos waħda, pero għall-fini ta' sigurta u li il-fatt li l-Embassy Cinemas tinstab ġewwa il-Belt Kapitali u allura it-Transport ma jieqafx vicin l-istabiliment kien hemm dik ta' Gallaria Cinemas li giet iklasifikata it-tini l-orħos stima b'differenza ta' €0.05ċ fuq kull tifel/a u litinkludi popcorn u flixkun ilma, kif ukoll tkun iktar aċċessibli għat-Transport minhabba sigurta' għat-Tfal u il-Familajri li se jattendu.

26.13.1 **Wara mozzjoni li resaq is-Sindku Luke Farruġia biex issir l-attivita għat-Tfal nhar it-30 ta' Diċembru 2025 u ssekondata mill-kunsilliera Sinjura Gloria Aquilina, il-Kunsill qabel unanimament.**

**26.14 Item: Christmas Activity 12th December 2025 – Costings**

Is-Sindku tagħalab lill-Kunsillier sabiex jipprovdi il-membri tal- Kunsill l- estimi ta' kemm ser tkun in-nefqa għall-Attivita tal-Kunsill għall- żmien il-Milied nhar it-12 ta' Diċembru 2025, fejn il-Kunsillier Dominic Spencer spjega li din is-sena l-attivita ser tkun fuq l-istess forma tas-sena preċedenti u li ser tkun qed titella ġewwa Triq Isouard ma' Triq Qormi. Total stmat għall-attivita tal-Milied għas-sena 2025 bejn l-iskema li ħareġ id-dipartiment ta' €15,000 u il-Kunsill obligat li joħroġ 15% ma' l-ammont dovut mill-iskema li jammonta għall- €2,250 total ta' €17,250. Il-Kunsill irrid joħroġ ammont addizzjonali ta' €7,500 ewro ma' dak obligat li irrid joħroġ ma l-iskema, b'total globali ta' €24,750.

26.14.1 **Wara mozzjoni li resaq il-Kunsillier sur Dominic Spencer għall-ammont addizzjonali ta' €7,500 fuq l-ammont ta' l-iskema u l-ammont obligat li irrid joħroġ il-Kunsill . Il-Kunsill qabel unanimament mal-mozzjoni u approva l-ammont ta' €7,500 addizjonali li irrid joħroġ il-Kunsill sabiex titella l-attivita tal- Milied 2025.**



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**26.15 Mozzjonijiet**

26.15.1 Il-Vici Sindku sur Josef Azzopardi resaq mozzjoni rigward iz-Zuntier tal-Knsija ta' Marija Reġina, fejn Infrastructure Malta għadejja bi taħdidiet sabiex jitranġa iz-Zuntier ta' l-istess Knsija, liema pjan li iz-Zuntier joħroġ ftit il-barra sabiex jiġi għat-tond u jieħu forma iktar ta' zuntier ta' Knisja min kif qiegħed preżentament u għalhekk l-Awtorita' Infrastructure Malta qed titlob il-Kunsill għall- approvazzjoni sabiex il-bankina toħroġ ftit iktar il-barra minn kif qedgħa preżentament fejn l-aċċesibilta se tibqa l-istess u spejjeż ser ikunu imħallsa mill- Awtorita' Infrastructure Malta. Pjanta tal-proġett propost tinsab annessa u mmarkata *Appendiċi A*.

**Wara mozzjoni li resaq il-Viċi Sindku is-Sur Josef Azzopardi, u ssekondat il-Kunsilliera Sinjura Gloria Aquiilina, il-Kunsill qabel unanimament mal-mozzjoni.**

26.15.2 Il-Kinsillier Dominic Spencer resaq mozzjoni jekk i-Kunsill għandux l-interess sabiex terġa titella il-Wirja tal- Presepji bħas snin preċedenti u il-laqgħa li jmiss tal-kunsill issir fis-Sala t'isfel minhabba il-wirja.

**Wara mozzjoni li resaq il-Kunsillier Dominic Spencer rigward il-Wirja tal-presepji u sabiex il-Laqgħa tal-Kunsill issir fis-sala t'isfel u ssekondat il-Kunsilliera is-Sinjura Gloria Aquilina, il-Kunsill qabel unanimament.**

**26.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss:**

Il-laqgħa ntemmet fit-20:16 pm u ġiet aġġornata għall l - Erbgħa 10 ta' Diċembru 2025 fl-17:00 pm fil- bini amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia | Roderick Ebejer |
| Sindku | Segretarju Eżekkuttiv |



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Appendiċi A**




Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekkuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*